MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 35/2008

Registratur tal-Qorti ghal Ghawdex

Vs

Alfred Cini

Il-Qorti,

**L-attrici, wara ordni tal-qorti, talbet dikjarazzjoni li l-konvenut ikkommetta disprezz tal-qorti u li jigu applikati s-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), ghaliex kiser ordni mposta permezz ta' mandat ta' inibizzjoni.**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-14 ta' April 2008 li permezz tieghu l-attrici qeghda titlob li l-konvenut jigi misjub hati ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-qorti u jigi kundannat ghal dawk is-sanzjonijiet kontemplati mill-Kodici ta' Ogranizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

Dan wara li fis-7 ta' Dicemrbu 2006 il-qorti ordnat il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra tieghu, fis-sens li zammitu milli jaghmel ***"…..l-hwejjeg imsemmija fir-rikors, pero' limitatament sa distanza ta' zewg metri minn fejn jinsabu l-gherien indikati."***. Sussegwentement b'digriet moghti fit-30 ta' Mejju 2007, il-qorti ordnat li jittiehdu proceduri ta' disprezz kontra l-konvenut in segwitu ghal rikors prezentat fil-15 ta' Jannar 2007 fejn gie allegat li l-konvenut kien qieghed jiskava fil-parti fejn ma kellux isir xoghol ta' skavazzjoni.

Rat ir-risposta guramentata prezentata mill-konvenut fit-2 ta' Gunju 2008 (fol. 7) u li permezz taghha kkontesta t-talbiet u ddikjara li kien osserva l-ordni li kienet inghatat mill-qorti bid-digriet tas-7 ta' Dicembru 2006.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti tal-kawza, inkluz dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru: 58/2006 fl-ismijiet **Saviour Azzopardi et vs Alfred Cini et**.
Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Ottubru 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.
Ikkunsidrat:-

1. Fil-qosor il-fatti huma dawn:-

(a) Saviour Azzopardi u Lawrence Camilleri ghandhom ghalqa kull wiehed li fiha ghar li parti minnu tidhol taht l-art ta' Alfred Cini. Il-bokka ta' dhul ghal dawn l-gherien hi mill-art ta' Azzopardi u Camilleri.
(b) Min-naha tieghu Alfred Cini inghata permess sabiex jizviluppa l-art tieghu, fejn qabel kien hemm id-dar Beverly Hills, Triq it-Telegrafu, Nadur.
(c) Permezz ta' ittra datata 6 ta' Lulju 2006, is-Sovrintendenza tal-patrimonju kulturali nfurmat lil Saviour Azzopardi li *"….wara spezzjoni minn ufficjali tas-Sovrintedenza tal-Patrimonju Kulturali, giet ikkonfermata il-prezenza ta' gherien u fdalijiet arkeologici fil-proprjeta tieghek fi Triq it-Telegrafu, Nadur. Din l-ispezzjoni*

*iddeterminat li dawn l-gherien u fdalijiet arkeologici ghandhom valur bhala wirt kulturali."*[1].

(d) Fid-19 ta' Settembru 2006 Saviour Azzopardi u Lawrence Camilleri pprezentaw rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta' Alfred Cini u Maria Vella. It-talba kienet sabiex jigu mizmuma milli *"jkomplu jaghmlu xogholijiet ta' tqattiegh fil-blat, skavazzjoni jew tahmil f'sit fi triq it-Telegrafu, Nadur, Ghawdex."*.

(e) Permezz ta' digriet moghti fis-7 ta' Dicembru 2006, il-qorti laqghet it-talba u ordnat il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra Alfred Cini u Maria Vella, ***"…sabiex dawn jinzammu milli jaghmlu l-hwejjeg imsemmija fir-rikors, pero' limitatament sa distanza ta' zewg metri minn fejn jinsabu l-gherien indikati."***.

(f) Fil-15 ta' Jannar 2007 kienet prezentata l-kawza (**Saviour Azzopardi et vs Alfred Cini et** – Rikors numru 4/2007) u fis-seduta tas-17 ta' April 2007 il-qorti nnominat lill-perit Alan Saliba sabiex *"….jirredigi pjanta u jirrelata dwar l-istabbilita' tal-gherien u l-ispiera."*.

(g) Permezz ta' rikors prezentat fil-15 ta' Jannar 2007, sar ilment li *"….illi dalghodu (15/1/2007) l-intimati permezz tal-haddiema taghhom, introducew fil-fond ingenji ta' l-iskavar u bdew jiskavaw ezattament fil-parti fejn hemm l-gherien f'distanza ferm anqas minn dik stipulata fid-digriet, b'mod illi dak id-digriet gie njorat ghal kollox."*. Ghalhekk talbu, fost'affarijiet ohra, li l-qorti tordna li jittiehdu proceduri ghal disprezz tal-qorti.

(h) Permezz ta' digriet moghti fit-30 ta' Mejju 2007, wara li nsteghmu x-xhieda, l-qorti ordnat li *"….jittiehdu proceduri ghad-disprezz fil-konfront ta' l-istess Alfred Cini in konnessjoni ma' dan l-incident."*.

2. Dawn il-proceduri jittrattaw kawza ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-qorti, regolata mill-Artikoli 988 sa 1003A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12). M'hemmx dubju li ksur ta' ordni mposta mill-qorti permezz ta' mandat ta' inibizzjoni, jikkostitwixxi disprezz ghall-awtorita' tal-qorti[2]. F'tali cirkostanzi tkun qeghda ssir sfida

[1] Fol. 31 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni.
[2] Ara per ezempju sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Edward Camilleri nomine vs Carmelo Vella et** deciza fis-7 ta' Ottubru 1997.

ghall-awtorita' tal-qorti; *"Jiehtieg li kulhadd jifhem li biex **jinzamm il-bwon ordini fis-socjeta'** hadd ma jista' jmur kontra l-ligi"* (**Il-Qorti vs George Galea** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Marzu 1988). Ordni tal-qorti ghandha tkun obduta u se mai ghandha tigi kontestata fi proceduri *ad hoc*, imma certament li m'ghandix tigi injorata. Skond l-Artikolu 997 tal-Kap. 12:-

*"Kull persuna hatja ta' xi ghemil jew nuqqas mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, illi jikkostitwixxi disprezz tal-qorti, tigi, mill-imhallef jew magistrat moghtija l-piena ta' **l-ammenda**, **jew tal-multa**, jew **tad-detenzjoni**."*.

B'mod generali fil-ligi lokali ma jidhirx li att li jikkostitwixxi disprezz tal-qorti hu klassifikat bhala reat kriminali, ghalkemm skond l-Artikolu 992 tal-Kap. 12[3] hemm kazjiet fejn l-att ikun jikkwalifika bhala tali. Skond il-Kodici Kriminali (Kap. 9):-

(a) Reat jaghti lok ghall-azzjoni kriminali u civili (Art. 3[1]);
(b) Azzjoni kriminali titmexxa mill-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali (Art. 3[2]);
(c) Azzjoni kriminali tmiss lill-Istat, u titmexxa permezz tal-Pulizija jew l-Avukat Generali skond il-kaz (Art. 4[1]);

Mehudin in konsiderazzjoni dawn il-provvedimenti, wiehed jista' jargumenta li ghalkemm disprezz tal-qorti jista' jwassal ukoll ghall-kundanna ta' detenzjoni, is-sanzjoni m'hijiex il-fattur li tikkwalifika l-azzjoni bhala wahda kriminali jew civili. Madankollu fil-kawza fl-ismijiet **Catherine Portelli vs Joseph Cachia et nomine** deciza fit-28 ta' Jannar 1991, il-Qorti ta' l-Appell wara li qieset li pieni f'kaz ta' disprezz huma dawk preskritti mill-Kodici Kriminali, osservat: *"Mill-premess jidher car li **dan il-procediment huwa ta' indoli kriminali**. Il-fatt li l-istess*

[3] *"Meta xi att bhal haw fuq imsemmija jkun jikkostitwixxi reat li jaqa' taht id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali, l-imhallef jew magistrate jista' jordna l-arrest tal-hati, jaghmel process verbal tal-fatt, u jibghat lill-arrestat quddiem il-qorti tal-magistrati ghall-proceduri mehtiega skond il-ligi."*.

*procediment gie introdott bic-citazzjoni, cjoe' l-att li ordinarjament jinizja l-kawza civili, ma jaghtix lil dan il-procediment in-natura civili, u ma jnehhilu xejn minn natura kriminali. Ic-citazzjoni f'dan il-kaz m'hijiex hlief it-tahrika ta' l-akkuzat biex "jidher biex iwiegeb ghall-akkuza" (Artikolu 998 tal-Kap. 12)."*[4].

Hemm konsiderazzjonijiet ohra li jista' jkun li jridu jsiru peress li l-att jista' jwassal ghal pieni iebsin. Ghalhekk tista' tqum il-kwistjoni jekk f'proceduri simili jsibux posthom certi principji li nsibu fil-kamp penali, bhal per ezempju l-presunzjoni ta' l-innocenza li hi protetta fil-Kostituzzjoni u fl-Att XIV ta' l-1987[5]; *"Measures ordered by courts under rules concerning disorderly conduct in proceedings before it (contempt of court) are considered as falling outside the ambit of Article 6, because they are akin to the exercise of disciplinary powers (Ravnsborg v. Sweden, judgment of 23 March 1994….. Putz v. Austria, judgment of 22 February 1996……."* (European Court of Human Rights, *Key case-law issues Compatibility Ratione Materiae (Article 6) Notion of Criminal Charge*). Interessanti li fil-kaz *Kyprianou v. Cyprus*[6] il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkonkludiet li kien hemm ksur ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni[7] wara li qorti (Assize Court) kkundannat avukat ghal hamest (5) ijiem prigunerija ghaliex sabitu hati ta' disprezz *in facie curiae* wara kummenti ta' kritika li ghadda fil-konfront ta' l-imhallfin dwar il-mod kif kienu qeghdin jitmexxew il-

---

[4] Ara wkoll sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef R. Pace) fil-kawza **Registratur tal-Qrati Superjuri vs Anna Mizzi** deciza fit-12 ta' Dicembru 2001. F'din l-istess sentenza gie osservat: *"….l-akkuza ta' disprezz iggib maghha l-htiega li tigi ppruvata, minn min qieghed jixli,* ***l-intenzjoni tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'hekk l-awtorita` taghha****."*.

[5] Skond il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jidher li sabiex wiehed jiddecidi jekk offiza tikkwalifikax bhala reat ghall-iskopijiet tal-Konvenzjoni (Artikolu 6) hemm tlett (3) kriterji alternattivi: il-klassifikazzjoni legali ta' l-offiza taht il-ligi nazzjoniali, in-natura tal-offiza, u n-natura u grad ta' severita' tal-piena.

[6] 15 ta' Dicembru 2005.

[7] *"In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charges against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law. Judgement shall be pronounced publicly by the press and public may be excluded from all or part of the trial in the interest of morals, public order or national security in a democratic society, where the interests of juveniles or the protection of the private life of the parties so require, or the extent strictly necessary in the opinion of the court in special circumstances where publicity would prejudice the interests of justice".*

proceduri. F'dan il-kaz is-sanzjoni ta' prigunerija giet imposta mill-istess qorti kif presjeduta, u l-Qorti Ewropea osservat:-

*"The present case relates to contempt in the face of the court, aimed at the judges personally. They had been the direct object of the applicant's criticisms as to the manner in which they had been conducting the proceedings.* ***The same judges then took the decision to prosecute, tried the issues arising from the applicant's conduct, determined his guilt and imposed the sanction, in this case a term of imprisonment. In such a situation the confusion of roles between complainant, witness, prosecutor and judge could self-evidently prompt objectively justified fears as to the conformity of the proceedings with the time-honoured principle that no one should be a judge in his or her own cause and, consequently, as to the impartiality of the bench*** *(see Demicoli v. Malta, judgment of 27 August 1991, Series A no. 210, pp. 18-19, §§ 41-42).".* Ukoll fit-test soggettiv il-Qorti Ewropea, wara li kkunsidrat il-kondotta tal-imhallfin li kienu qeghdin jippresjedu l-qorti nazzjonali, ikkonkludiet li ma kenitx imparzjali.

3. M'hemmx dubju li wara d-digriet tas-7 ta' Dicembru 2006, kien beda jitnehha materjal (tafal) f'distanza ta' inqas minn zewg metri minn mal-wicc tal-blat tal-gemb li jidher fir-ritratt a fol. 97 u 98 tal-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 58/2006. Il-perit Alan Saliba xehed: *"….dak il-blat hu dak illi niddiskrevieh bhala l-lahma tal-blata. Nikkalkula illi hemm xi metru, metru u nofs wisgha bhala blata biex inti tkun tista' ssib il-vojt tal-ghar. Nikkonferma b'riferenza ghar-ritratt a fol. sebgha u disghin (97), illi bejn il-bucket tal-gaffa u l-wicc tal-blat hemm bejn wiehed u iehor metru u nofs, zewg metri."*. Ghalkemm il-konvenut xehed li d-distanza kienet ta' hames (5) metri, il-provi juru mod iehor. Id-diffikulta' tista' tkun minn fejn kellha titkejjel id-distanza ta' zewg (2) metri mposta mill-qorti fid-digriet tas-7 ta' Dicembru 2006, cjoe:-

(a) minn fejn hemm il-vojt tal-gherien ?; jew
(b) mill-wicc tal-blat tal-gemb (min-naha tal-proprjeta' tal-konvenut) ?

Fid-digriet tas-7 ta' Dicembru 2006 jinghad li xoghol seta jsir *"….sa distanza ta' zewg metri* ***minn fejn*** *jinsabu l-gherien indikati."*. Il-perit tekniku spjega li: *"Min-naha tieghi biex zgur nizgura illi nosservaw l-ordni tal-qorti kont ukoll kejjilt minn fejn qieghed il-pile sa fejn jigi l-wicc tal-blat tal-genb li hemm zewg metri distanza."*. Ghalhekk il-perit Alan Saliba, b'saggezza u previzjoni, mexa b'kawtela fl-ordnijiet li ta biex jitwettaq ix-xoghol necessarju u jigi accertat li l-gherien ma ssirilhomx iktar hsara u ma jsir xejn li seta' kien kontra l-ordni tal-qorti.

Bl-ordni li tat il-qorti sabiex jittiehdu proceduri ghal disprezz kontra Alfred Cini (digriet tat-30 ta' Mejju 2007) wara dak li gara fil-15 ta' Jannar 2007, jidher li l-hsieb tal-qorti meta ordnat il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (digriet tas-7 ta' Dicembru 2006) kien li x-xoghol ta' tqattiegh ta' blat, skavazzjoni, u thammil kellu jasal sa zewg (2) metri mill-wicc tal-blat tal-gemb min-naha tal-proprjeta' tal-konvenut u ma jsirx xoghol lil hin minn din id-distanza. Kieku kien mod iehor prezumibilment il-qorti (presjeduta mill-istess Magistrat) ma kenitx ser tghid li *"...jidher prima facie li l-intimat Alfred Cini kiser l-ordni taghha moghtija bid-digriet tas-7 ta' Dicembru 2006 fl-atti ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni……"*. Min-naha l-ohra wiehed jista' wkoll jargumenta li fejn hemm dak li l-perit Alan Saliba ddeskriva bhala *"l-lahma tal-blata"* ma jifformax parti mill-ghar in kwantu l-ordni tal-qorti (digriet tas-7 ta' Dicembru 2006) kienet sabiex id-distanza ta' zewg metri tinzamm ***"minn fejn jinsabu l-gherien."*** u ghalhekk l-ordni kienet qeghda tirreferi ghal fejn hem mil-vojt (cjoe' l-gherien). Ghalkemm il-konvenut seta pproceda b'iktar kawtela u talab kjarifika lill-qorti biex jizgura li ma jsirx xoghol kontra d-digriet tas-7 ta' Dicembru 2006, madankollu wara li l-qorti kkunsidrat il-provi kollha li tressqu (f'dawn il-proceduri u fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 58/2006) m'hijiex moralment konvinta li b'dak li sar fil-15 ta' Jannar 2007 il-konvenut kien konxju li f'ghajnejn il-qorti kien qieghed jonqos mill-ordni perentorja li nghatat bid-digriet

tas-7 ta’ Dicembru 2006 u li dak li kien qieghed jaghmel kien bi sfida ta’ l-istess ordni. Inoltre mix-xiehda tal-perit Alan Saliba jirrizulta wkoll li l-konvenut ikkopera u mexa skond l-ordnijiet li nghata mill-perit mahtur mill-qorti. Cirkostanza li fil-fehma ta’ din il-qorti turi li l-atteggjament tal-konvenut ma kienx wiehed ta’ sfida. Fic-cirkostanzi l-qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni li l-konvenut hu hati ta’ disprezz.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut u tichad it-talbiet tal-attrici. Madankollu spejjez ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet ghar-raguni li fil-fehma tal-qorti fic-cirkostanzi l-konvenut kellu jitlob kjarifika dwar minn fejn kellha tigi mkejla d-distanza mposta mill-qorti permezz tad-digriet tas-7 ta’ Dicembru 2006.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------